**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 596/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur George Frendo)**

**vs**

**Raymond Scerri**

Illum, 12 ta' Dicembru 2024

II-Qorti,

Rat li l-Pulizija ressqet lil:

Raymond Scerri, ta' 56 sena, iben Carmel k/a Charles u Dolores k/a Doreen nee' Cutugno, imwieled Floriana, fil-25 ta' Awissu 1960, u residenti f'Dejanue, Flt 1, Triq Mikiel Calleja, Tarien. ID Card No: 605960M.

Akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer; fis-snin 2014 u 2015, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzioni wahda:

1. *Ikkommetta serq ta valur li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Noel Mercieca u/jew Gelati Mezzan Ltd., liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-persuna;*

2. *U aktar talli approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, haga ta' haddiehor (stock tal-gelati) li ghandhom valur kumplessiv ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Noel Mercieca u/jew Gelati Mezzan Ltd., liema haga giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinjata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzioni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju.*

II-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mai-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll li tapplika l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att kontra I-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tat-13 ta' Marzu 2017 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar it-30 ta' Mejju 2022 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[2]:

1. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 18, 261(c) u 261(d), 267, 268(d), 279(b) u 280(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 23A(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li matul is-seduta tad-9 ta' Gunju 2022 din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

[1] Fol. 14 ta' l-atti processwali
[2] Fol. 531 ta' l-atti processwali
[3] Fol. 532 ta' l-atti processwali

Rat illi l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha definittivament nhar id-9 ta' Gunju 2022.[4]

Rat illi d-difiza ghalqet definittivament il-provi taghha fil-11 ta' Gunju 2024.[5]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet tas-S.T.O. il-Prim' Imhallef Joseph Azzopardi tal-10 ta' Mejju 2019[6];

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Dan il-kaz jikkoncerna allegazzjoni ta' serq u mizapproprijazzjoni ta' stock mwettqa mill-imputat Raymond Scerri a skapitu tal-principal tieghu Gelati Mezzan Limited, rappreżentata minn Noel Mercieca, fil-perjodu ta' bejn is-snin 2014 u 2015.

---

[4] Fol. 532 ta' l-atti processwali
[5] Fol. 1027 ta' l-atti processwali
[6] Fol. 54A tal-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

**L-Ispettur Sean Scicluna**, stazzjonat fit-Taqsima Kontra r-Reati Ekonomici, xehed fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2017[7]. Jispjega li fit-12 ta' Jannar 2017 il-Pulizija irceviet rapport minghand l-avukat Dr Mario Scerri f'isem certu Noel Mercieca u Gelati Mezzan Limited li certu Raymond Scerri, eks-delivery man imjegat taghhom, kien allegatament ha xi ammonti ta' stock matul is-snin 2014-2015. Ir-rapport kien jghid li minkejja li meta jitghabba l-vann Scerri kien jiffirma ghall-istock, ma kienx qed ikun hemm qbil mar-rendikonti ta' dak li jkun inbiegh. Fl-ahar tas-sena 2014 kien hemm nuqqas ta' stock li jammonta ghal circa €3,600. Scerri gie kkonfrontat mill-kumpanija u beda jhallas lura xi haga zghira lura fix-xahar mill-paga. Fl-ahhar tas-sena 2015 kien hemm nuqqas ta' stock li jammonta ghall-fuq minn €4,000. A bazi ta' dan, l-impjieg ta' Scerri gie terminat. L-imputat ta' stqarrija lix-xhud fit-22 ta' Mejju 2016 fil-prezenza ta' WPC 373 Elizabeth Formosa u PS 196 Dion Agius wara li ghazel li ma jikkonsultax ma avukat. Innega li kien ha xi stock u spjega li l-ammont li kien qed ihallas mill-paga wara l-2014 kien minhabba xi hsara fit-trakk tax-xoghol li kien juza. Jallega ukoll li kienet insterqitlu l-paga wara li ma kienx baqa' jista' jhallas fix-xahar minhabba l-ispejjez tal-hajja.

**Noel Mercieca** xehed fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2017[8]. Wara li gharaf lill-imputat fl-awla, spjega li kien jahdem mal-kumpanija taghhom tal-gelati bejn

[7] Fol. 15-16 tal-atti processwali
[8] Fol. 18-27 tal-atti processwali

it-3 ta' Marzu 2014 u t-18 ta' Dicembru 2015 bhala delivery man. Kien afdat bi trakk tal-kumpanija[9] biex bih iqassam ix-xoghol. Filghodu jaghmel l-ordni u jghabbi t-trakk fejn kien jiffirma rendikont tal-istock li jkun ha. Filghaxija isir rendikont iehor li jindika x-xoghol li jkun effettivament tqassam lill-hwienet. Il-delivery man innifsu kien johrog il-karti ta' x'ikun gie konsenjat lill-hwienet permezz tal-PDA imbahad fl-ahhar tal-gimgha isir stock-take. Ghal dawn l-ezercizzji, x-xhud kien ikun prezenti personalment. Kien qed johrog li ma jkunx hemm qbil dwar xi kaxxi ta' stock fl-ahhar tal-gimgha. Spjega li per ezampju fil-gimgha ta' bejn l-24 u d-29 ta' Awwissu 2015 kien hemm diskrepanza ta' €162.25 u pprezenta faxxikolu ta' dokumenti li jikkonfermaw dan. Jghid li meta gie kkonfrontat b'dawn id-diskrepanzi, l-imputat ma kien jghid xejn izda eventwalment beda "jaccettahom li fil-verita' kien hemm nuqqas" u qabel li jhallas lura ftit ftit u fil-fatt kien beda jhallas xi ammonti zghar mill-paga – daqqa €100, daqqa €75. Jghid li jidher li matul il-perjodu tal-impjieg tal-imputat kien hemm diskrepanza totali ta' €7,891.21 li minnhom hallas lura €1,749.15. Jghid li Scerri kien thalla fl-impjieg minhabba li kien qed ihallas lura mill-paga. Jghid li kien l-imputat li rrizenja mix-xoghol ghalhekk effettivament, ma tkecciex minn naha tal-kumpanija. Access ghall-freezer tat-trakk kellu biss l-imputat u huwa stess permezz tac-cavetta tat-trakk u ghalkemm fis-sajf kien ikun hemm assistent iehor mieghu, dan ma kienx ikollu pussess tac-cavetta tat-trakk.

Rega' ha l-pedana fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2017 fejn ikkonferma l-firem tieghu u tal-imputat fuq id-dokumenti ezebiti fix-xhieda inizzjali tieghu. Ipprezenta ukoll sensiela ta' dokumenti ohrajn relattivi ghall-allegati diskrepanzi riskontrati.

[9] Numru ta' registrazzjoni DBG-361 tal-marka Mitsubishi, kif konfermat minn Noel Mercieca fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2018, a Fol. 80 tal-atti processwali.

Fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2018[10] spjega li l-procedura kienet li hekk kif jitghabba x-xoghol fit-trakk, tigi mimlija formala in triplicate self-carbonised u t-tieni kopja (ta' kulur isfar) kienet tinghata lid-delivery man dak il-hin stess. Ipprezenta kampjun ta' dan il-formularju. Jikkoncedi li hemm xi formoli li fuqhom ma hemmx il-firma tal-imputat imma sempliciment "R" li kien jikteb huwa stess sabiex ikun hemm record li x-xoghol gie mghoddi lil Raymond Scerri imma qatt ma kkopja l-firma tal-istess Scerri. Dan kien isir x'xi okkazjonijiet meta jkun hemm influss kbir ta' xoghol f'daqqa. Il-mamma ta' dawn il-formoli imbaghad kienet tigi entrata fis-sistema mill-kumpanija u fl-ahhar tal-gimgha jsir stock-take mid-delivery man stess ta' xi jkun baqa' fit-trakk. Kien johrog ukoll rendikont mill-PDA tal-prodotti li jkun biegh f'dik il-gimgha. Jghid li fis-17 ta' Gunju 2015 kien sar kuntratt mal-imputat (u anke' mad-delivery men l-ohra) li jawtorizza lill-kumpanija sabiex f'kaz li l-ordni ssir minn lejliet, filghodu jilhaq jitghabba t-trakk anke' fl-assenza tad-delivery man innifsu. Dan il-kuntratt[11] jghid li "*jien Raymond Scerri qed naccetta li naghti 'go ahead' lil Noel li jekk ikollu cans jghabbi t-truck, jien naghtih l-accettament (sic.) verbali tieghi. Jien Noel minhiex (sic.) responsabbli fin-nuqqas mill-istock li jista' jsir*".

Xehed in kontro-ezami fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2024[12]. Ikkonferma li fl-ahhar ta' kull gimgha kien isir stock take ghal kull trakk. Jikkoncedi li c-cwievet tat-trakkijiet, senjatament tal-kaxxa fejn kien ikun hemm l-istock, kienu jkunu fil-garaxx. Ikkonferma ukoll li l-parti l-kbira mit-trakkijiet kienu jissakkru bil-knataz u mhux serraturi proprja. Dan il-katnazz imbaghad kien jitnehha u jibqa' fil-garaxx meta t-trakk johrog ghar-ronda. Jammetti li gieli ha prodotti mit-trakk tal-imputat u jghaddihom lil deliveryman iehor izda jghid li kien jinzamm record ta' dan. Mitlub ghalfejn ma pprezentax din id-

[10] Fol. 123-126 tal-atti processwali
[11] Ezebit a Fol. 130 tal-atti processwali
[12] Fol. 993-1012 tal-atti processwali

dokumentazzjoni lill-espert mahtur mill-Qorti, jghid li ma kienx hemm x'tipprezenta ghax semliciment kienet issir nota fuq l-istock take. Mistoqsi mill-banda l-ohra ghalfejn ipprezenta lill-espert dokumenti minghajr il-firma tal-imputat, baqa' jinsisti li dan mhux minnu. Mistoqsi ghalfejn lill-espert ma kienx qallu li kien jiehu l-istock mit-trakk tal-imputat, wiegeb li dan "ma ghandux x'jaqsam". Ma tax twegiba ghalfejn meta jitbattal it-trakk ghat-tindif, l-istock li kien ikun hemm fit-trakk ma kienx jigi sigillat fi trolleys apposta fil-prezenza tad-deliveryman koncernat, inkluz l-imputat. Wiegeb sempliciment li l-imputat "kellu c-cans jaghmel l-istock hu biex jiccekkja l-verita'" meta mistoqsi ghalfejn beda jsir tnaqqis mill-paga tal-imputat mhux qabel 18-il xahar minn meta allegatament induna li kien qed ikun hemm id-diskrepanza fl-istock.

Fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2017 xehdu **PS 196 Dion Agius**[13] **u WPC 373 Elizabeth Formosa**[14] stazzjonati fit-Taqsima kontra r-Reati Ekonomici, li t-tnejn ikkonfermaw il-firem taghhom fuq l-istqarrija tal-imputat u r-rinunzja ghall-assistenza legali ezebiti in atti.

Fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2019, xehed **Alan Craig**[15], minn Mazars fuq inkarigu tal-Qorti. Jispjega li l-inkarigu moghti lilu kien li jezamina stock records, sales record, stock-takes kif ukoll xi reconciliations li ghamlu Gelati Mezzan Ltd stess. Ezamina dawn id-dokumenti izda "wehel" minhabba li hemm informazzjoni nieqsa u fil-fatt, ippreparat zewg listi ta' kweziti u/jew kjarifici sabiex ikun jista' jissokta fl-espletazzjoni tal-inkarigu tieghu. Rega' xehed fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2020[16] fejn in-kontro ezami ikkonferma li fl-ezercizzju tal-ikkarigu tieghu sa dak il-punt, ma kienx ghadu sema' lill-imputat

[13] Fol. 55-56 tal-atti processwali
[14] Fol. 57-58 tal-atti processwali
[15] Fol. 168-170 tal-atti processwali
[16] Fol. 236-251 tal-atti processwali

jew lir-rapprezentant legali tieghu. Fis-seduti tal-15 ta' Ottubru 2015[17], 28 ta' Jannar 2021[18] u 4 ta' Marzu 2021[19] spjega li minkejja li kienet giet formalment mitluba certu informazzjoni lill-Gelati Mezzan Ltd, din kienet ghadha ma gietx hekk mghoddija. Jispjega li riskontra ukoll diffikultajiet ghax id-dokumentazzjoni gia disponibbli lilu fiha certu avariji li jridu jigu kjarifikati. Ghalhekk, hemm impediment ghall-espletazzjoni tal-inkarigu tieghu.

Fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2021, xehdet **Joanne Mercieca**[20], impjegata ma Gelati Mezzan Ltd., li pprezentat id-dokumentazzjoni kwezita mill-espert Alan Craig fl-udejnzi precedenti.

Fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2021[21], **l-espert Alan Craig** halef u pprezenta r-relazjoni tieghu.

L-espert xehed in kontro-ezami fis-seduti tal-24 ta' Jannar 2023[22] u tas-7 ta' Marzu 2023[23]. Jiccara li ma kienx fl-inkarigu tieghu li jivverifika minn effettivament kien qed isuq it-trakkijiet rispettivi tal-Mezzan izda biss x'differenzi kien hemm fl-istock. Lanqas ma kien fil-kompitu tieghu li jqis xi pagamenti o meno li kien ghamel l-imputat lill-Mezzan. Lanqas ma kien jaf jekk l-attivitajiet kienux qed isiru Malta jew Ghawdex. Intant, jiccara li ghall-fini tal-ezercizzju, huwa qies biss l-istock sheets li fuqhom giet verifikata l-firma tal-imputat, u l-ohrajn gew klassifikati bhala "invalidi". Jikkoncedi li kien hemm grad ta' diffikulta' biex tigi migbura l-informazzjoni kollha li kellu bzonn ghall-ezercizzju tieghu minghand Mezzan u fil-fatt, fuq certu aspetti tal-ezercizzju, kellha ssir rikostruzzjoni manwali tad-data. Dan sar billi qabblu ix-xoghol li

[17] Fol. 321-323 tal-atti processwali
[18] Fol. 335-337 tal-atti processwali
[19] Fol. 341-343 tal-atti processwali
[20] Fol. 350-353 tal-atti processwali
[21] Fol. 414-415 tal-atti processwali
[22] Fol. 543-559 tal-atti processwali
[23] Fol. 895-906 tal-atti processwali

inghta kull trakk max-xoghol li inbiegh u b'hekk inhareg kemm suppost kien baqa' stock. Jghid ukoll li Mezzan ma tawx informazzjoni dwar costings tal-prodotti manifatturati minnhom u anke' l-informazzjoni dwar il-prezzijiet kienet f'xi bnadi inezatta. L-istess jista' jinghad ghall-indikazzjoni tal-prezzijiet ta' prodotti mixtrija minghand haddiehor, fejn kien hemm indikazzjoni zbaljati tal-prezzijiet li kienu qed jixtru bihom. F'dawn il-kazijiet il-prezz tal-akkwist gie determinat billi tnaqqset il-profit margin mis-selling price. Issa l-profit margin gie estrapolat mill-audited accounts tal-kumpanija. Irreitera madankollu, li l-konkluzjonijiet tar-rapport dwar l-istock allegatament nieqes huma bazati biss fuq findings li huma validi. Kien biss ghall-fini ta' valutazzjoni ta' dan l-istock nieqes li kien hemm bzonn f'xi instanzi ezercizzju ta' estrapolazzjoni. L-espert jindika ukoll li mid-dokumentazzjoni li ra, kien hemm il-prattika minn naha tal-Mezzan li dak li huwa essenzjalment l-istess prodott, jigu riferut b'diversi ismijiet bhal per ezempju "cone", "cornet", "cono", "cornetto", etc. L-espert spjega li fir-rigward ta' stock li kien jibqa' fit-trakk minn gimgha ghall-ohra, li ghamel huwa li ha l-closing stock tal-gimgha bhala parti mill-opening stock tal-gimgha sussegwenti u b'hekk evita komplikazzjonijiet innecessarji u diskrepanzi. Kien jidher ukoll, in sostenn ta' dan, li f'gheluq il-gimgha, t-trakk kien jittiehed lura fil-warehouse u jitbattal. Jikkonferma li minkejja li Mezzan gew mitluba jipprovdu breakdown tal-istock allegatament misruq, din qatt ma giet provduta. Ikkonferma ukoll li rizultat tal-fatt li Mezzan mhux dejjem provdiet imformazzjoni kompleta u korretta, kellu jimxi fuq estimates minflok prezzijiet attwali. Jiccara li qatt ma kien talab lil Mezzan sabiex jipprovdu stock takes tal-mahzen taghhom fil-Mosta. Li provdew kienu stock-takes tat-trakk li kien ikun fil-pussess tal-imputat.

Fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2023 xejed minn rajh **l-imputat Raymond Scerri**[24]. Jikkonferma li fis-snin 2014-2015 kien jahdem ma Gelati Mezzan bhala salesman/deliveryman. Dan ix-xoghol kien isir in total minn madwar tmien impjegati. F'gurnata tax-xoghol tipika kien jasal fil-mahzen tal-Mosta ghall-habta tas-07:00hrs, jaghmel u jiffirma l-ordni tal-gurnata, liema ordni kienet imbaghad tigi approvata minn Noel Mercieca. Imbaghad kien jitghabba x-xoghol u Noel Mercieca kien jiccekkja x-xoghol u jaghmel kontro-firma. Wara kien johrog jaghmel ir-ronda tieghu li kienet tinkludi bejn 35-45 stabbiliment. Wara r-ronda kien imur lura fil-mahzen. Jekk jasal kmieni kien johrog sales record mill-PDA, jghodd il-flus u jpoggihom fil-locker u jhalli t-trakk hemm. Meta kien jasal tard, kien jaghmel ir-rendikont, jipplakkja t-trakk tal-wire u jsakkru bil-knataz u jiehu l-flus mieghu id-dar fejn kien izommhom sal-ghada filghodu. Cwievet tal-katnazz ma kienx ikollu ghax kien izommhom Noel Mercieca. L-istess ic-cavetta tat-trakk – kien ihalliha fil-mahzen permezz ta' toqba bhal letter box fil-bieb. Jispjega li normalment kien izomm l-istess trakk ghal gimgha shieha imma ma kienx marbut ma trakk partikolari, tant li saq madwar sitta differenti kemm dam jahdem ma Mezzan. Jispjega li rari kien ikollu assistent mieghu minkejja li kellu rotta antipatika li tinkludi lokalitajiet bhal Belt Valletta fejn ma kienx ikun hemm parking hdejn il-hwienet. It-trakkijiet kienu jissakkru, wiehed bis-serraturi tieghu stess u l-ohrajn permezz ta' knataz. Jilmenta li l-kondizzjonijiet tat-trakkijiet kienet hazina hafna, u sahansitra gieli kienu jinfethulhom il-biben jekk mhux imsakkra bil-katnazz. Fil-fatt, jghid li gielu infethu huwa u jsuq u waqghu il-kaxxi barra u darba inqalghet il-bieba b'kollox! Rizultat ta' dan, kien facli li jinsterqu prodotti mit-trakk minn terzi waqt li jkun gewwa hanut jikkonsenja x-xoghol. Jghid li kien hemm zewg okkazjonijiet fejn safa misruq waqt li kien qed iqassam ix-xoghol.

[24] Fol. 908-965 tal-atti processwali

Jispjega li kien ikun hemm okkazjonijiet fejn filghodu kien isib sticky note fit-trakk minghand Noel Mercieca fejn jindika li jkun ha xi stock mit-trakk bix jintuza diversament, specjalment fil-kaz ta' gelati importati bhal Mars u Snickers. Dawn kienu jibqghu jidhru fuq l-istock sheet ghax ma kienux jitnaqqsu. Jghid ukoll li darba sab kaxxa ravjul nieqsa mit-trakk u meta kkonfronta lil Noel Mercieca fuqha dan qallu "dik bicca tieghek". Meta jasal filghodu kien isib it-trakk miftuh u l-gelati gewwa rrangati mod differenti milli jkun hallihom hu. In kwantu ta' stock take, fix-xitwa kienet issir nhar ta' Gimgha u fis-sajf issir nhar ta' Sibt u t-trakkijiet kienu jitbattlu kompletament kull hmistax sabiex jitnaddfu mis-silg li jkun akkumula. Huwa ma kienx ikun prezenti waqt din l-operazzjoni u allura, ma kienx jaf ezatt xi jsir mill-istock nel frattemp. Jghid li fl-ewwel sena w nofs fl-impjieg, il-salarju dejjem wasal izda meta l-imputat beda jitlob ghall-commission skont il-kuntratt u overtime, Noel Mercieca "hareg b'din il-bicca li l-ewwel li smajtha kien f'Lulju 2015" u uzaha bhala skuza niex ma jhallasx tal-commission u l-overtime. Intant, jghid li minn Lulju 2015, beda jsir tnqqis mill-paga tieghu sabiex jithallsu l-oggetti neqsin u sabiex jithallsu lura zewg pagi "doppji" li kienu gew mghoddija lill-imputat minn Mercieca fid-darbtejn li nsterqulu l-flus tal-paga mit-trakk. Kien isir tnaqqis ta' bejn €75 u €200 mill-paga li kienet tinghata kull gimghatejn. Jghid li accetta ghax "ma kellix choice" u b'kollox ittiehdu madwar €1,750 apparti commissions u overtime li qatt ma thallsu. L-imputat jinnega li kien ikollu stock nieqes ghajr ghal dak li kien jaqbad u jiehu Noel Mercieca stess. Jispjega li fl-ahhar tas-sena 2014, ircieva bonus ta' €500 minghand Mezzan, prova, skont hu, li Noel Mercieca kien kuntent bih ghalhekk in generali, l-imgieba ta' dan Mercieca lejh kienet wahda dizrispettuza.

In kontro-ezami jghid li d-diskrepanzi fl-istock li gew konfermati mill-esperti nominati huma probabbilment dovuti ghall-fatt li kien hemm hafna stock

sheets minghajr firem u/jew b'kalligrafija ta' terzi u li fl-ahhar mill-ahhar, ma kellux kontroll xi jsir mill-istock wara dahru. Jiccara li meta ma kienx segwa rapport dwar wahda mis-serqiet li kien sofra, il-flejjes misruqa kienu biss il-paga tieghu u xejn tal-imghallem. Jispjega li hu kien jiffirma ghad-deductions mill-paga minhabba l-fatt li kien thallas ta' zewg pagi "zejda" ta meta kien gie misruq u insurance excess premium minhabba incident li kellu u dan sabiex ikollu "ricevuta" ta' dak li kien thallas bi tpacija. Ghalhekk, jghid li bl-ebda mod ma kien qed jirrikonoxxi jew jiehu tort ghall-istock allegatament nieqes. Jghid li baqa' fl-impjieg sal-ahhar tas-sena minhabba li fil-kuntratt kien hemm klawzola penali ta' €3,494 u ma kellux minn fejn iahallas dawk il-flus biex jitlaq qabel.

**Karl Falzon** xehed fis-seduta tas-16 ta' April 2024[25]. Jispjega li huwa l-kugin tal-imputat Raymond Scerri. In succint, jghid li kemm il-darba inzertah idur bit-trakk tax-xoghol. Jirrimarka li kien jinzertah isuq trakkijiet differenti. Per ezampju isemmi wiehed bl-isem "Mercieca Brothers" u li kellu grafika li turi haxix tal-friza u iehor bl-isem "Mezzan" li kellu grafika marbuta ma dik id-ditta. Kull meta nzertah kien wahdu, fis-sens li ma kienx hemm haddiema ohrajn mieghu. Kien hemm zewg okkazjonijiet fejn wara li jispicca mix-xoghol, kien jghaddi ghalih u jakkumpanjah ghar-ronda ta' filghaxija. Wara li jispicca kien jipparkja t-trakk magenb il-bieb tal-mahzen fil-Mosta, iqabbel xi jkun hemm fit-trakk ma dak li jkun biegh u jipplakkja t-trakk minhabba l-friza. Imbaghad kien kiehu l-katnazz minn letterbox apposta, jaghlaq il-friza u jitfa' c-cwievet tat-trakk f'letter box ohra. Jigifieri ma kienx jiehu c-cwievet mieghu id-dar.

[25] Fol. 1017-1025 tal-atti processwali

**Robert Magro** xehed fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2024[26]. Spjega li huwa l-kap tal-Iskola Nazzjonali tal-Isport fejn illum l-imputat jahdem bhala accunts clerk. Jghid li qatt ma kien hemm rapporti dwar imgieba hazina jew dizonesta minn naha tal-imputat.

**Kerstin Vella** xehed fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2024[27]. Kien kollega tal-imputat bhala deliveryman ma Gelati Mezzan. Jghid li ma kienx jithallas commission u li meta spicca, kien mar jaghmel "x'imkien il-Belt"[28] ghax kien hemm pendenzi ta' paga, leave, sick-leave u notice. Jghid ukoll li Noel Mercieca gieli kien jghid li "hemm xi haga nieqsa" in kwantu ta' stock meta fil-verita', kien ikun hu li jsib stock, normalment kaxxi tal-gelat, nieqsa mit-trakk. Qatt ma inghata sodisfazzjon minn Noel Mercieca ghalfejn kien ikun hemm l-istock nieqes.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Illi l-istqarrija tal-imputat[29] ittiehdet mill-Ispettur Sean Scicluna fit-22 ta' Mejju 2016 fil-prezenza ta' PS 196 Dion Agius wara li l-imputat inghata s-soliti drittijiet u ghazel li ma jikkonsultax ma avukat. L-imputat ta' verzjoni ta' fatti li tinkludi spjegazzjonijiet generali ghalfejn kien hemm l-allegati diskrepanzi fl-istock biss sahaq li wara sena u nofs, kien imposibbli ghalih li jaghti rendikont specifiku ta' kull oggett filwaqt li sahaq li l-principal "missu qalli mal-ewwel" u li ghalhekk suppost kien isir stock-take kull gimgha. Jispjega li minkejja li ma

[26] Fol. 5-7 tal-atti processwali
[27] Fol. 1031-1041 tal-atti processwali
[28] Il-Qorti tifhem li din hija referenza ghad-Dipartiment ghall-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (DIER).
[29] Fol. 90-92 tal-atti processwali

kienx qed jaqbel fuq l-allegati diskrepanzi fl-istock, il-pricipal kien qed jaghmillu tnaqqis mill-paga.

**Ikkunsidrat**

**Trattazzjoni**

Il-prosekuzzjoni, parte civile u difiza trattaw il-kawza fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2024.

Id-difensur tal-parte civile sahaq li Noel Mercieca spjega sewwa l-proceduri adoperata mill-kumpanija fejn jidhol l-istock fit-trakkijiet u t-tqassim tieghu u li din il-verzjoni, ma gietx kontradetta mill-imputat. Jissottometti ukoll li l-ezercizzju tal-espert Alan Craig kien bazat biss fuq id-dokumenti li fil-fatt igibu l-firma tal-imputat u minn dawn biss tirrizulta diskrepanza ta' cirka €6,000. Gie sottomess ukoll li ladarba giet esposta din id-diskrepanza, kien fl-obbigu tad-difiza li taghti spjegazzjoni sodisfacenti fir-rigward u mhux sempliciment tipprova ddahhal id-dubji. A bazi ta' dan, jghid li l-prosekuzzjoni u l-parte civile ipprovaw il-kaz taghhom sal-grad rikjest. Id-difiza, mill-banda l-ohra, tibda billi tishaq li volontarjament, l-imputat ma hallas xejn lill-Mezzan, imma kien jaqdu u jzommulu l-flus huma mill-paga. Fil-fatt, dan l-agir arbitrarju wassal biex l-impitat telaq mix-xoghol, kunrarjament ghal li jghid Noel Mercieca li keccieh. Issemmi sensiela shiha ta' inezattezzi u awto-kontradizzjonijiet fix-xhieda ta' Noel Mercieca biex tishaq li mhux affidabbli, mill-aktar importanti foshom li Mercieca baqa' qatt ma ddikjara x'kien in-numru tat-trakk ta' registazzjoni tat-trakk li "dejjem" kien isuq l-imputat minkejja l-istqarrijiet tieghu fix-xhieda. Tikkapitalizza fuq il-fatt li ma kienx hemm chain of custody fir-rigward tal-istock minkejja li Mezzan imbaghad zammet lill-imputat responsabbli ghall-istock allegatament nieqes. Dan ghax

ic-cwievet tal-katnazz kienu jkunu ghand Mercieca u kemm il-darba l-imputat sab affarijiet nieqsin mit-trakk jew il-kaxxi stivati b'mod differenti milli jkun stivahom huwa. Aktar minn hekk, kemm l-imputat u Noel Mercieca qablu fuq il-fatt li Mercieca kien gieli jiehu kaxxi mir-trakk u jibqghu ma jitnizzlux fuq l-istock sheet. Ovvjament, jekk ma titnizzilx, din id-dispkrepanza tibqa' tidher bhala stock nieqes. Mercieca mhux kredibbli ukoll meta jghid li kien induna li kien qed ikun hemm stock nieqes "mill-ewwel" fl-2014 meta imbaghad halla lill-imputat jibqa' jahdem u sahansitra f'Dicembru 2014 tah bonus abbinat ma prestazzjoni tajba. Qajjem il-kwistjoni tad-diskrepanzi biss f'Lulju 2015 hekk kif l-imputat ippressah biex jibda jhallsu commission skont il-kuntratt. Tirreferi ghax-xhieda ta' Kersten Vella biex targumenta li Mercieca kien juza l-istess strategija ma impjegati ohrajn biex inaqqrilhom mill-paga u jibqa' ma jhallasx ghal commission u overtime. Mhux kredibbli ukoll ghax eluda li jipprezenti d-dokumenti kollha mitluba mill-espert komputista Alan Craig u kien bil-wisq selettiv f'dak li stqarr mieghu. Ghalhekk, gie mishuq lil-kaz ma giex ippruvat sal-grad rikjest u l-imputat ghandu jigi liberat.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' serq aggravat u mizappropijazzjoni aggravat. Fir-rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali indika l-artikoli 261(c) u 261(d), 267, 268(d), 279(b) u 280(1) tal-Kodici Kriminali li jittrattaw dwar serq aggravat bil-valur u l-persuna.

Illi l-imputat huwa akkuzat talli ikomettiet serq ta' ghad-dannu ta' Noel Mercieca u Gelat Mezzanin Ltd liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-valur.

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-**Carrara** li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq, jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[30]. Infatti skond il-**Professur Mamo** din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

Illi dawn huma kkonfermati fis-sentenza **Il-Pulizija Spettur Joseph Mericeca vs Jonathan Zammit**.[31]

Il-Qorti f'dik is-sentenza kkunsidrat li:

'*5. Dawn il-fatti mghandhomx mir-reat ta' serq li jirravviza l- konkorrenza ta' hames elementi palezament accettati mill-Qrati taghna li huma: (i) il-kontrettazzjoni ta' haga (ii) ta' haddiehor; (iii) b'qerq; (iv) kontra l-volonta' tas-sid u (v) bl-iskop ta' lukru. Il-provenjenza ta' dawn l-elementi hija traccabbli ghall-insenjament tal- Carrara (Prog. Parte Speciale Vol Iv, para 2017) meta ifisser is-serq bhala "La contrettazione dolosa della cosa altrui,fatta invito domino, con animo di farne lucro".*'

L-aggravji tas-serq li bihom giet mixli l-imputat f'dan il-kaz huma elenkati fl-artikolu 261 tal-Kodici Kriminali li jinkludu l-aggravju tal-valur, il-persuna u tal-lok. Dawn qed jissemmew specifikament u limitatament minn din il-Qorti

[30] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*
[31] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Marzu, 2017 (Appell Numru: 400/2015)

in vista tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra l-imputata u li jinkorporaw biss dawn l-aggravji.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-valur, persuna u tal-lok f'serq huwa skond dak dispost fl-artikoli 261(c)(d)(e), 269(c) u 279(a). L-aggravju tal-valur jirrizulta jekk il-valur tal-oggett misruq jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) .

Ghar-rigward l-aggravju tal-persuna, l-ligi taghti diversi cirkostanzi fejn tghodd u f'dan il-kaz qieghed issir referenza ghal dak li jipprovdi s-subartikolu (d) meta r-reat issir minn haddiem jew impjegat fid-dar jew f'hanut li jkun dahal fih minhabba l-impjieg tieghu.

F'dan il-kaz, il-piena komminata mill-ligi titla' ghal priġunerija għal żmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin minhabba li l-valur tal-istock allegatament misruq huwa iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37).

**L-approprjazzjoni bla jedd**

L-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jghid:

*"Kull min japproprja ruhu, billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Izda ebda procediment kriminali ma jista' jinbeda ghal dan id-delitt, hlief bi kwerela tal-parti."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza **Il-Pulizija vs Alan Azzopardi et**[32] fejn gie ritenut:

*Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprazzjoni indebito huma dawn li gejjin:*

1. *Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del posesso, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprazzjoni indebito, imma s-serq.*

2. *Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni indebita (kif fil-fatt gara f' dan il-kaz meta sar il-bejgh).*

3. *Illi l-oggett irid ikun mobbli;*

[32] Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera, Deciza 24 ta' Novembru 2000

4. *Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha jew jbiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;*

5. *Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm d-dannu patrimonjali kawzat lil proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni indebito.*

*Fuq dan il-punt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Marzu,** 1993 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Ali Abdulla Bakush** fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat jdawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'hinu pero jidher car li l-kuncett kollu tal-approprazzjoni indebito huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja imma fuq il-fatt li pesuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiehor, liema haddiehor ikun fada dak l-oggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-artikolu 293 tal-Kodici taghna.*

*In generali jinghad li fid-dottrina b'approprazzjoni indebito wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta' dawn l-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara* ***Crivellari - Dei Reati contra la Proprieta*** *– pg. 498; ediz. 1998).*

*Il-***Carminiani** *fil-ktieb tieghu* **Elementi Iuris Criminali -** *(para 1020) jiddefinixxi dan r-reat li huwa jsejjahlu bhala:*

> *"il fatto de quo liu, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto* <u>*non*</u> *transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e contro la volonta del propretario stesso e converta in uzo proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo."*

***Carrara*** *fil-kieb tieghu* **Diritto Penale** *taht t-titolu* **Esposizione dei Delitti Inspecie** *(vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan r-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan r-reat bhala:*

> *" la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato."*

*Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebito ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata*

*f'idejh b'att liberu u spontanju (vide* ***Il-Pulizija v Joseph Mifsud deciza nhar t-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija v Joseph Richmond et deciz nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993; Il-Pulizija v Capt. Albert Mallia deciz nhar l-hamsa w ghoxrin ta' April, 1949*** *u* ***Il-Pulizija v Emanuel Cassar deciz nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1997.****)*

*B'dan il-Qorti trid tfisser li irid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni inter alia meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghal beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati in buona fede.*

Il-Kodici Kriminali jghid:

*Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalihjew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdatajew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-raddtal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal danid-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

Fil-kaz **Rex Vs Felice (1912)**, il-Qorti tenniet li l-artikolu 293 huwa identitku ghal dak li jipprovdi l-gurisprudenza Taljana u rrferriet ghal-awtur **Maino**, li stqarr li sabiex jissussitti r-reat ghandu ikollok 'affidamento' jew 'consegna' u cioe l-inkarigu jew il-kunsinna u ghalhekk irrid ikollok il-pussess ta' l-oggett. Irrid ukoll jirrizulta li jkun hemm il-konverzjoni ghall-beneficcju taghhom stess.

Illi dan il-principju gie kkonfermat fil-kaz **Il-Pulizija vs Paul Portelli**[33] fejn stqarr:

*"Majno kien qieghed jikkummenta fuq ir- ' j zzj indebita kif definit fl-artikolu 417 tal-K ċ P T j -1889 (Codice Zanardelli) li jikkorrispondi mal-artikolu 293 tal-K ċ K m għ . Aw u ħ j bħ A u M z jikkumentaw dwar ir-reat kif definit fil-K ċ P T j -1930 (Codice Rocco) liema definizzjoni ma tikkorrispondix mal-artikolu 293 imsemmi".*

Illi l-elementi tar-reat gew ritenuti fil-kaz **The Police (Inspector Matthew Vella) vs Radoslav Szymon Skalski**[34]

*The elements which the prosecution needs to prove in this case, in accordance with articles 293 of the Criminal Code (Chp. 9) are the following:*

*1) The accused has misapplied by converting to his own benefit, or to the benefit of any other person, anything which has been entrusted to him or delivered to him under a title which implies an obligation to return such thing or to make use of such thing for a specific purpose. In the above eventuality, the complaint of the injured party must be exhibited.*

*2) That the above offence was committed on things entrusted or delivered to the accused by reason of his profession, trade, business, management, office or service or in consequence of a necessary deposit. In this later case, no complaint of the injured party is necessary and the police can proceed ex officio.*

Dawn il-principji kienu gew stabilliti u ssibu l-origini taghhom fil-kawzi **Rex Vs Pisani (1941)** (fejn gie ikkonfermat li m'hemmx in-neceissita li ssir il-gwadan), **Sua Maesta il Re vs Samuel Maymon**[35]**, Sua Maesta il Re vs**

---

[33] Deciza 11 ta' Settembru 2015, Prim Imhallef Emirtus Silvio Camilleri

[34] Court of Magistrates (Malta); Deciza 30 ta' Jannar 2018

[35] Qorti Krimnali, Deciza 17 ta' Gunju 1932, Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. XXVIII/IV/18 at pgs. 19-20

**Emmanuele Cardona**[36] **, Il-Pulizija vs Karmnu Catania**[37] u **Il-Maesta Tieghu r-Re vs Antonio Pisani.**[38]

Illi mill-banda l-ohra, l-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jtenni li "kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalihjew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdatajew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar: Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti".

L-Artikolu  294 imbaghad izid li "madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħatiminħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio,u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn".

**Kunsiderazzjonijiet legali - Ir-reat tat-truffa u ta' lukru frawdolent innonimata**

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Aaron Mizzi**[39] fejn inghad li

*"Illi abbazi ta' Artiklu 308 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jissussisti r-reat ta' frodi jew truffa, jehtieg li jikkonkorru s-segwenti elementi: (i) in-ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat, (ii) l-element materjali konsistenti fl-uzu ta' ingann*

[36] Qorti Kriminali, Deciza 16 ta' Gunju 1933, Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. XXVIII/IV/33
[37] Qorti Kriminali, Deciza 18 ta' Ottubru 1941, Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. XXXI/IV/434 at pg. 435
[38] Qorti Kriminali, Deciza 2 ta' Dicembru 1941, Kollezzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. XXXI/IV/299 at pgs. 300-303
[39] Qorti ta' l-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Michael Mallia; Appell Numru 225/2014

*jew raggiri, (iii) l-elementi formali li jikkonsisti f'dolo jew fl-intenzjoni tat-truffar u (iv) l-element ta' dannu patrimonjali. Min-naha l-ohra, fir-rigward tar-reat ta' frodi nnominata kkontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sempliċi gidba hija bizzejjed biex twassal ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat u l-messa in scena mhiex necessarja. Madanakollu, il-gidba trid tkun tali li twassal ghat-telf patrimonjali tal-vittma hekk kif rikjest mil-ligi.*

*Illi fl-umli fehma tal-appellanti l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlitx interpretazzjoni korretta tal-element ta' dolo hekk kif ikkontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 308 u 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza L-Pulizija vs. Charles Zarb deciza fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elf disgha mija tlieta u disghin (1993) huwa car: Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo. (enfasi tal-esponent)."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **The Police vs Konstantin Alexander Anastasiou**[40] fejn intqal:

*For the Crime as configured under the charges of the case the following elements must subsist;*

*1. The agent must have used the means these being those mentioned in Article 308 (by means of any unlawful practice, or by the use of any fictitious name, or the assumption of any false designation, or by means of any other deceit, device, or pretence).*

*2. The agent's action must have led the victim to part with an object, the dispossession is with the victims consent.*

[40] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Consuelo Scerri Herrera; Deciza 29 ta' Settembru 2020; App Nru: 135/2018

*3. There must be the intention of defrauding another with the intention of making an unjust gain.*

*4. Finally an actual unjust gain must have actually been made.*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs George Manicolo**[41] fejn gie ikkonfermat:

*"Sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhijiex bizzejjed is-semplici gidba, il-kliem menzjonier, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-bidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Minbarra l-gideb irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f' dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu jkun akkumpanjat b'artifizji. kwazi teatrali, u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici: Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali huwa kompriz u involut f' dak ikkontemplat fl-artikolu 308 ta' l-istess Kodici. Dan johrog car minn interpretazzjoni akkurata ta' l-artikoli 308, 309 u 310, kif ukoll fuq l-iskorta tal-gurisprudenza in materja."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal-kaz **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra** intqal (u li sussegwentement giet ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali[42]:

*'Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fissentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn min qieghed jikkometti ir- reat u il- vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir- reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex issofri it-telf patrimonjali.*

[41] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Emeritus Patrick Vella; Deciza 31 ta' Lulju 1998
[42] Deciza 17 ta' Mejju 2012; Appell Numru 139/2011

*Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. IlQorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

*"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id- disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir- reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 talKodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....". Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'lingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*

*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*

*c. ta' kwalifiki foloz jew*

*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*

*e. ingann jew*

*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*

*g. jew ta' hila*

*h.setgha fuq haddiehor jew*

*i. ta' krediti immaginarji jew*

*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, cjaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*".... Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ...."*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess filmenti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi "kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva*

*adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."*

*"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm lelement intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar- reat filmument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d- dolo."*

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l- elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa "l'elemento del'danno patrimoniale" Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)*

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat- truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli*

*Kriminali (IlPulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : "L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir- reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir- reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifizji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il- Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): "Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment minnaha l-ohra."*

*Illi ghalhekk mill-fattispecje ta' dana l-kaz il-Qorti trid tara jekk jezistux l-elementi legali rikjesti ghar-reat tat-truffa. Illi minghajr l-icken dubbju jirrizulta illi l-imputat bil-mezz ta' ingann u uzu ta' dokument illi huwa kien jaf ben tajjeb li kien falz irnexxielu jikseb fuel li ma kienx intitolat ghalih sabiex b'hekk huwa arrikkixxa ruhu u dana ghad-dannu tal-Water Services Corporation li spiccaw kellhom ihallsu ghal fuel li ittiehed indebitament millimputat. Illi l-Qorti ma tistax taqbel mad-difiza illi dana il-kaz ghandu il-fattispecje tar-reat tas-serq u dana peress illi l-imputat ma huwiex qed jiehu ad isaputa tas-sid l-oggett, izda qed jadopera mezzi u cioe' 'l hekk imsejjha artifizji sabiex jinganna u jiehu l-fuel li ma kienx intitolat ghalih. Fil-fatt fil-maggior parti*

*taghhom jirrizulta illi l-vouchers ipprezentati millimputat kollha gew imhallsa mill-Korporazzjoni. Illi f'dana il-kaz hemm l-applikazzjoni ta'lartikolu 310(1) billi jirrizulta mill-atti illi l-ammont ta' fuel li ittiehed mill-imputat kien jeccedi l-elf lira maltin jew l-ammont ta' €2329.37.*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Charles Zarb**[43] fejn intqal:

*"Ghar-reat ta' truffa hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' substrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. M'huwiex bizzejjed ghall-finijiet ta' l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali affermazzjonijiet, luzingi, promessi minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur. Kwantu jirrigwarda d-dolo, irid ikun hemm lintenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun bi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn ilkliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l- element intenzjonali ta' truffa hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu jkun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt, u b'dan il-mod il-legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Finalment il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela**[44] fejn gie spejgat l-elementi differenti bejn l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali.

*'Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna.*

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill- vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-*

[43] Qorti tal-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Carmel A Agius; Deciza 22 ta' Frar 1993
[44] Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali; Deciza 15 ta' Dicembru 2011

*konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).*

*Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei:*

*'artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.'*

*Antolisei jkompli jghid pero li*

*'nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa.'*

*Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:*

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet."*

A tenur tal-Artikolu 310(1) tal-Kodici Kriminali, ladarba l-ammont tal-allegata ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn ħamest elef euro (€5000), il-piena tkun ta'priġunerija minn sentejn sa disa' snin.

**Ikkunsidrat**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif ighid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu *Diritto Penale* (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubbju ragjonevoli, cioé oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Philip Zammit*** et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "dubbju jkun dak dettat mir-raguni".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Peter Ebejer***, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn Lord Denning fil-kaz ***Miller vs. Minister of Pension*** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Huwa importanti wkoll li l-Qorti tevalwa x'jikkostitwixxu provi indizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Gunju 1998 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader*** hemm riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet ***Teper vs. The Queen*** [1952] AC 480, 489.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference".*

Anke fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana*** (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura kriminali fl-1 ta' Novembru 2001) gie kkunsidrat:

*'Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun cara u univoka fis-sens li twassal necessarjament, u f'kuntest ta' dak li hu ragjonevoli, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.'*

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif wkoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioé li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**Ikkunsidrat**

Illi bhala parti mill-inkarigu tieghu, l-espert komputista evalwa d-dokumentazzjoni pprezentata mill-parte civile sabiex fl-ewwel lok ivverifika li kien hemm fil-fatt diskrepanzi fl-istock u fit-tieni lok, jattribwixxi valur lil dawn id-diskrepanzi. Kif jixhed ripetutament Craig, dan ma kienx ezercizzju facli ghax il-parte civile mhux dejjem ipprezentat l-informazzjoni kollha mitluba minnu jew inkella, ma pprovdietx informazzjoni korretta u trasparenti. Fir-relazzjoni tieghu[45], l-espert jikkonkludi s-segwenti:

> *On the basis of the facts considered throughout our analysis and subject to the limitations encountered, we draw the following conclusions:*
>
> 1. *Our analysis of the Mezzan stock records highlighted a number of differences between the physical weekly stock level and the theoretical stock level. <u>We also noted variances between the missing stock items as determined in our</u>*

[45] Fol. 433 tal-atti processwal

*analysis to the differences noted by Mezzan in the 'Raymond Workings Stock Reconciliation Sheet'*.

2. *In accordance with the methodology noted above, we estimate that the total value of missing valid stock items amounts to €6,771.41.*

3. *The expert valuation referred to above was based on certain assumptions due to the lack of information available and issues with the quality of data provided. The expert valuation exceeded Mezzan's valuation of missing stock items by 22.2%. As a result, an alternative value of valid missing stock items was estimated on the basis of Mezzan's valuation. A resultant value of €5,541 was arrived at for valid missing stock items.* (enfasi tal-Qorti)

Illi mal-ewwel daqqa t'ghajn, din il-konkluzjoni diga' tindika li tenut kont tal-fatt li l-parte civile ma pprovdietx l-informazzjoni kollha rikjesta, l-ezercizzju tal-komputista kien ibbazat hafna fuq is-suppozizzjoni u t-teoretiku.

Intant, l-argument tal-prosekuzzjoni, jew ahjar tal-parte civile, li gialadarba l-espert komputista ikkonferma diskrepanza ta' madwar €5,541 in kwantu ta' stock nieqes, kien obbligu tad-difiza li taghti spjegazzjoni sodisfacenti huwa wiehed zbaljat. Li kieku dawn kienu proceduri civili, iva, jista' jaghti l-kaz li dinamika bhal din iggib l-oxxillament tal-oneru tal-prova b'dan il-mod suggerit izda l-fatt kardinali jibqa' li dawn huma proceduri penali, fejn l-oneru tal-prova tal-imputazzjonijiet lilhinn minn kull dubju dettat mir-raguni jinkombi solament fuq il-prosekuzzjoni u mhux vice versa. Isegwi allura, li d-difiza, strettament, ma hija tenuta li tipprova xejn u huwa tejoretikament bizzejjed li tadopera strategija li tinvolvi biss l-introduzzjoni tad-dubji intizi sabiex jimmenomaw it-tezi tal-prosekuzzjoni, kif jidher, fil-parti l-kbira, li sar fl-instanti proceduri.

Illi dawn id-dubji huwa naxxenti mis-segwenti fatti rizutanti mill-provi:

- Kien isiq caqliq ta' stock f'ambjent li mhux kontrollat u mhux fil-prezenza tal-imputat;
- Il-parte civile ammetta in kontro-ezami li gieli kien jiehu xi kaxxi mit-trakk tal-imputat u ta' impjegati ohra biex jintuzaw band'ohra. Dan, natualment seta' jaghmlu ghax hwejgu, imma mill-banda l-ohra, l-Qorti mhix konvinta li dejjem kien inizzel record fuq l-istock sheet relattiva;
- Ma kienx hemm *chain of custody* dokumentata sewwa u konsistentament tal-istock;
- Effettivament, l-imputat ma kienx ikun fil-pussess tac-cwievet tal-katanzz tal-friza tat-trakk (u tat-trakk) wara li jhallih barra hdejn il-mahzen filghxija sa ma jerga' jiehdu filghodu u allura, mhix eskluza l-possibilita' li terzi jiksbu access ghall-friza waqt dan il-frattempt twil ta' hint tal-fuq minn 12-il siegha kuljum;
- It-trakkijiet gielu kienu jibdlu l-idejn;
- It-trakkijiet li kien generalment juza l-imputat ma kienux jissakkru waqt li jkunu fuq ir-ronda ghax ma kienux mghammra ghalhekk, u l-knatax kienu jibqghu fil-garaxx. L-imputat ma kienx ikollu assistent mieghu. Dan ifisser li meta jinzel iqassam f'hanut, kien kostrett ihalli t-trakk wahdu, gieli pparkjat 'il boghod bhal fil-kaz tal-Belt Valletta.

Ghalkemm fil-parlanza ordinarja, jaf hemm indizzji li jippuntaw il-htija lejn l-imputat, madankollu, dawn il-fatturi kollha hawn indikati jaghmlu toqob fil-kaz tal-prosekuzzjoni li certament irenduh mhux *water tight* u jtaffu l-inferenza li kieku tohrog mill-imsemmija indizzji.

Issa anke' jekk stess l-imputat accetta li jhallas lura mill-paga minhabba dispkreprenzi fl-istock, dan ma jwassalx awtomatikament ghal sejbien ta' htija

ghal serq u/jew mizapproprijazzjoni ghax jaf ikun spjegazzjonijiet ohrajn, bhal nghidu ahna zbalji fit-tqassim, telfien ta' stock jew sahansitra serq minn terzi kif appena diskuss. F'dawn il-kazijiet, jaf ikun hemm l-obbligu ta' rimborz mill-lat civili izda certament ma jirrizultax ir-reat ta' mizapproprijazzjoni jew sahansitra serq. Dan apparti li l-imputat jaghti spjegazzjoni ghalfejn ukoll kien qed isir tnaqqis mill-paga tieghu, u cioe' sabiex jithallsu lura z-zewg pagi 'zejda' li gew avvanzati lilu meta safa misruq u ghalhekk, anke' fuq dan il-punt hemm kunflitt fil-verzjonijiet tieghu u tal-parte civile.

Illi l-fattispecji li tipprezenti din il-kawza huma similissimi ghal dawk li gew konsidrati minn din il-Qorti (diversament preseduta) fil-kawza ***Il-Pulizija (Spettur Ivan Portelli) vs Martin Formosa u Raymond Galea*** (deciza fl-4 ta' April 2003). Hemm il-Qorti osservat is-segwenti:

> *Illi irrizulta wkoll illi fil-perjodu in kwistjoni kien hemm pressjoni ta' xoghol fil-kumpanija, kien hemm ukoll xi nuqqas ta' prodotti u ghalhekk ma kienitx qeghda issir 'reconciliation' u 'stock taking' kif suppost. Irrizulta illi d-'daily stock taking' u r-'reconciliations' illi saru anke fil-prezenza tal-imputat Martin Formosa dejjem kienu regolari u qatt ma kien hemm xi ilment fil-konfront ta' dan l-imputat. Illi l-audited account tal-kumpannija Chef Choice ma jitfghu l-ebda dawl fuq id-diskrepanzi li qeghdin jallegaw li kien hemm id-dirigenti tal-kumpanija Chef Choice u ghaldaqstant qatt ma jistghu iwasslu ghal xi sejbien ta' htija fir-rigward tal-imputat […] Il-Qorti tiddikjara illi mill-provi prodotti ma irrizultax sal-grad rikjest mil-Ligi illi dan l-imputat imisapproprja s-somma ta' hmistax il-elf lira Maltin kif imsemmi fl-akkuza.*

Ghalhekk, in vista tal-premess, hija l-fehma konsiderata tal-Qorti li l-prosekuzzjoni ma sehhilhiex tipprova l-imputazzjonijiet sal-grad rikjest mil-ligi u ghalhekk, ma ghandhiex triq ohra ghajr li tillibera lill-imputat minnhom.

**Decide**

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 32A(2), 261(c), 261(d), 267, 268(d), 279(b), 280(1), 293, 294, 310(1) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lil Raymond Scerri **mhux ħati** tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward.

**Mogħtija illum nhar l-12 ta' Diċembru 2024 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta**

**Dr Nadine Sant Lia**

**Maġistrat**

**Graziella Abela**

**Deputat Reġistratur**